OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-24-4612**

21 ta' Ottubru 2024

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta
VLT 1111

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qiegħdin nibgħatu kopja tal-Opinjoni Finali, flimkien ma' dan ir-resumé tal-każ u korrispondenza oħra relevanti, biex jinġiebu għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. Dan ir-Rapport sar wara investigazzjoni kondotta dwar l-ilment miġjub mis-XXXX.

*Resumé*

Il-persuna li ilmentat hija għalliema tal-Malti mad-Diviżjoni għall-Edukazzjoni. L-ilment jirrigwarda l-ħlas ta' allowance skont prassi kif kienet meta l-persuna li ilmentat bdiet il-kors mal-Università ta' Malta li wassalha għal Certificate in Maltese Proof Reading. Il-każ odjern huwa simili għal dak magħluq fit-3 ta' April 2023 (CEDUC-22-2985) u li kop0ja tiegħu diġà tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kamra.

Filwaqt li l-Ministeru għall-Edukazzjoni irrikonoxxa l-prinċipju tal-aspettattiva leġittima kif delineat fil-paragrafu 5 tar-Rapport Finali tas-17 ta' Mejju 2024, sal lum u għad-diversi raġunijiet kif imfissra fiż-żewġ komunikazzjonijiet tas-Segretarju Permanenti MEYR tal-14 u 25 ta' Ġunju 2024, ir-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-persuna li ilmentat għadha ma twettqitx.

Fit-30 ta' Settembru 2024 l-Onorevoli Prim Ministru ġie infurmat b'dan kollu għall-fini u effetti tal-Artikoli 17C(1) u 22(4) tal-Kap. 385.

Billi r-rakkomandazzjoni għadha ma ġietx implimentata, qed nippreżentawlek dan ir-rapport għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A De Gaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti Annessi:

Opinjoni Finali – 17 ta' Mejju 2024
Ittra tas-Segretarju Permanenti, MEYR – 14 ta' Ġunju 2024
Risposta tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni – 17 ta' Ġunju 2024
Ittra tas-Segretarju Permanenti, MEYR – 25 ta' Ġunju 2024
Ittra lill-Onorevoli Prim Ministru – 30 ta' Settembru 2024